MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 483/2008

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; C D f' isimha proprju, kif ukoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri E B; u l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsemmi minuri, izda li sussegwentement b' digriet tat-22 ta' Jannar 2009 gew estromessi mill-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata C D zzewgu f' Malta fl-erbatax (14) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlieta (2003). Illi r-rikorrent u l-intimata C D sseparaw de lege fit-30 ta' April 2008; sussegwentement fl-1 ta' Lulju tas-sena 2008, l-intiamta C D welldet lit-tarbija minuri bl-isem ta' E, kif jirrizulta mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija gie dikjarat illi missier it-tarbija kien ir-rikorrent A B, fil-fatt il-minuri E gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni li l-intimata C D kellha ma' terza persuna;

3. Illi l-imsemmija tarbija E B giet registrata b' kunjom ir-rikorrent meta r-rikorrent m' huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u occorrendo permezz ta' testijiet genetici apposta;

4. Illi r-rikorrent jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija E B, li effettivament mhux ibnu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi r-rikorrent A B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E, occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici apposta;

2. Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri E B li jgib n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2290 tas-sena 2008 billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega kif gej:

(i) mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem 'A B', l-eta, n-numru tad-dokument ta' l-identita', l-post tat-twelid u r-residenza tar-rikorrent, kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent u jekk huwiex haj jew mejjet u jissostitwihom bil-kliem 'missier mhux maghruf';

(ii) mill-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom ‘B’ u tbiddlu bil-kunjom ‘D’ sabiex id-dettalji f’ din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: ‘E D’;

(iii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom omm it-tarbija jikkancella l-kliem ‘the said’ sabiex id-dettalji f’ din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss” ‘C D wife of A B from whom she is legally separated by public deed in the records of Notary Doctor Victor Bisazza on the 30th April 2008’;

u tawtorizza u tordna

(iv) kull modifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta C D li biha ddikjarat li hi taqbel mal-fatti u t-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat ;

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrisponda :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jintlaqghu t-talbiet attrici dedotti fir-rikors ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ omm it-tarbija u l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Robert Cardona u l-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E, li twieled mill-konvenuta C D fl-1 ta' Lulju 2008 u li jinsab registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 2290/08 bil-kunjom B, mhuwiex il-wild naturali tieghu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur u l-konvenuta C, konjugi D, sseparaw de jure fit-30 ta' April 2008 ; izda kien ilu ma jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom minn Ottubru 2006. Illi sussegwentement minn relazzjoni li l-istess konvenuta kellha ma' terza persuna, twieled it-tifel E fl-1 ta' Lulju 2008.

Illi l-konvenuta C D teskludi li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri ; u in propozitu t-tezi taghha hija korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA maghmula fuq kampjuni li ttiehdu minn fuq il-persuna taghha, dik ta' l-attur, u dik ta' l-istess tarbija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel E li twieled mill-konvenuta C D fl-1 ta' Lulju 2008 mhuwiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur A B; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv bin-numru 2290/08 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta C D proprio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------